Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,988, 7 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 169 ta' l-2000

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Avviż dwar ir-Rimunerazzjoni li tingħata lil Arbitri tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Prim Ministru stabbilixxa li r-rimunerazzjoni li titħallas lil Arbitru tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi għandha tkun ta' elfejn u ħames mitt liri Maltin (Lm2,500) fis-sena.